# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 28/8

It-Tnejn 22 ta' Gunju 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

028.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

028.2 Xoghlijiet li saru fl-inhawi ta` Loretu u tal-Hmis;

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: MS Vella; Viċi-Sindku: JM Calleja; Kunsilliera: MA Sammut, S. Caruana u M. Micallef

028.3 Tmiem tal-laqgħa.

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa b`urgenza. Il-laqgħa bdiet fil-hamsa u nofs ta` filgħaxija (5.30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**028.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li kien hemm ittra ta` apologija mill-Kunsillier M Micallef, liema talba giet miqlugha minn dawk prezenti.

**028.2. Xoghlijiet li saru fl-inhawi ta` Loretu u tal-Hmis**

028.2.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-pjanta li giet mibughta minn IM dwar xoghol bil-konkos fl-inhawi tal-Hmis, fejn indikat li triq li saret hija dik indikata bl-isfar u li ma kinitx parti mill-progett tal-Mizura 4.3. Is-Sindku ziedet tghid li mill-informazzjoni li ghandha din it-triq saret bil-konkos ghal fatt li triq hija dejqa u romblu tal-asphalt ma jkun jista` jghaddi sew.

Il-Kunsillier S Carauna qal li huwa kontra li din it-triq tibqa bil-konkos bhal ma huwa kontra tax-xoghlijiet bil-konkos li saret fit-triq vicin mill-Kunsill Lokali ta` Hal-Ghaxaq.

Il-Kunsillier MA Sammut qal li din it-trejqa kienet kollha hamrija, kienet mghoddija ghan-nies. Bil-mod ta`kif saret issa bil-konkos iktar ser izomm l-ilma. Is-Sur Sammut kompla jghid kif IM qabdet u ghamlet it-triq bil-konkos minghajr konsultazzjoni.

Il-Kunsillier S Caruana zied jghid fuq dak li qal il-kusillier MA Sammut, li dan il-konkos li nghata sar minghajr permess tal-Kunsill. Il-Kunsillier MA Sammut u l-kunsillier S Caruana talbu sabiex isir stqarrija pubblika dwar dawn ix-xoghlijiet li saru mill-IM. Il-Kunsillier MA Sammut talab sabiex mqar tohrog stqarrija fuq il-pagna ta` facebook tal-Kunsill. Dwar dan ma kienx hemm qbil unanimu.

Il-Kunsillier MA Sammut ghamel referenza ukoll ghal xoghlijiet ohra li kienu saru bil-konkos u li kienu mghoddija fi stat naturali taghhom, fosthom Triq l-Ghejjel (mghoddija li taghti mall-hajt tal-Palazz).

Il-Vici Sindku JM Calleja qal li huwa mportanti li IM tinforma lill-Kunsill bix-xoghlijiet li jkunu ser isiru.

Il-Kunsillier S Caruana zied jghid li din it-trejqa tant saret hazin li anke l-hitan tas-sejjieh inghlaqu bl-istess konkos. Is-Sur Caruana zied jghid li l-Kunsill ghandu dritt jitlob lill-ERA biex dan il-konkos jitnehha. Il-Kunsillier S Caruana staqsa lis-Sindku jekk hija taqbilx li din it-triq saret bil-konkos.

Ghal din il-mistoqsija, is-Sindku qalet li l-Kunsill intaqa` mhux biex jiddeciedi jekk din it-triq ghandhiex tinqala` jew le u dan ghal fatt li l-Kunsill ma kellux ghazla qabel ma saret it-triq. Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill kellu jigi nfurmat qabel ma nbdew ix-xoghlijiet.

Il-Kunsillier MA Sammut sostna li huwa important li johrog fil-pubbliku li l-Kunsill qatt ma talab biex din it-triq isir b`dan il-mod.

Il-Vici Sindku JM Calleja qal li ghalkemm din it-triq ma kinitx parti mill-progett tal-Mizura 4.3, fil-passat kien hemm diskussjoni li din it-triq kellha ssir ukoll biex din iz-zona tkun kompleta. Is-Sur Calleja propona li l-Kunsill iqabbad il-perit biex jara jekk ix-xoghol tal-konkos sarx sewwa.

Il-Kunsillier MA Sammut qal li l-Kunsill ghandu jidefendi lir-residenti u mhux lill-awtoritajiet.

Il-Kunsillier S Caruana qal li din it-triq ghandha valur storiku (triq imbaltata), fejn ghalhekk ma kinitx gietx inkluza fil-progett tal-Mizura 4.3. Is-Sur Caruana qal li din hija raba` darba li l-Kunsill ma giex infurmat u konsultat.

Is-Sindku talbet sabiex isir laqgha mall-IM. Ghal dan il-Kunsillier MA Sammut u l-Kunsillier S Caruana ma qablux.

Il-Kunsillier S Caruana u l-kunsillier MA Sammur qalu li huma m`humiex kuntenti li din it-triq saret bil-konkos u ghalhekk  l-Kunsill ghandu dritt jiehu azzjoni.

Is-Sindku ghal darb`ohra talbet sabiex isir laqgha jew niktbu lilll-IM sabiex l-Kunsill jara jekk l-IM ikkunsidrawx li din it-triq hija ta` valur storiku. Dwar dan ma kienx hemm qbil unanimu.

Il-Kunsillier MA Sammut u l-Kunsillier S Caruana jikkundanaw dan ix-xoghol li sar pubblikament.

## 28.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgha ntemmet fis-sitta u nofs ta` filghaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 22 ta` Lulju 2020

| | |
|---|---|
| Ffirmati | ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |